MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru 885/2006

Il-Pulizija
(Sup Alexandra Mamo u Sp Ian Abdilla )
vs
Joseph Debono, iben Francis, imwieled Mosta fit-30 ta' ġunju, 1958

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'diċembru, 2005 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, personalment jew bħala direttur tal-azjenda 'Joseph Debono Importer, Exporter & Supplier of Horticulture Equipment', b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

a. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta’ ntrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b’qerq ta’ aktar minn Lm1,000 għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ffalsifika ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; kif ukoll talli xjentement għamel użu minnhom;

c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

d. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz, meta ma kienx uffiċjal talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi jew impjegat pubbliku b’abbuż ta’ awtorita’; kif ukoll talli xjentement għamel użu mill-istess dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

e. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f’xi document maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentementgħamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

f. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi document ieħor falsifikat.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplati fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ ġunju, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat ir-riċevuta maħruġa mid-Dwana fejn l-imputat fil-11 ta’ frar, 2005 ħallas is-somma ta’ Lm1,087 għas-saldu tal-pretensjonijiet ta’ l-istess Dipartiment tad-Dwana, li min-naħa tagħhom iddikjaraw li l-każ hu magħluq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 167, 169, 183, 185(2), 186, 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali ta’ l-imputat u l-fatt li ħallas dak kollu dovut lid-Dipartiment tad-Dwana ferm qabel ma ġew mibdija dawn il-proċeduri. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------